MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 358/2012

**Appell Nru. 346/2012**
**Appell Nru. 358/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carmelo Magri)**
**Vs**
**Oliviero Filisetti**
**Mariella sive Mikel Chircop St. John**
**Matthew Joseph Sciberras**

**Illum 14 ta' Novembru, 2013**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellati/appellant Oliviero Filisetti [detentur ta passaport Taljana bin-numru C924975] Mariella sive Mikel Chircop St. John [detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 360168 (M)] u Matthew Joseph Sciberras [detentur tal-karta tal-identita` bin-

numru 465794 (M)] quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli
Fit-28 ta’ Novembru 2008 u fix-xhur ta’ qabel din id-data assocjaw ruhhom, ma’ persuna jew persuni bil-ghan li jaghmlu delitt f’ Malta li ghalih hemm il-piena ta’ prigunerija.

Lil Oliviero Filisetti wahdu talli fl-istess zmien u cirkostanzi, rrenda ruhu komplici fid-delitti hawn taht imsemmija u dan billi ta ordni u struzzjonijiet lil Mariella sive Mikel Chircop St. John u Matthew Joseph Sciberras sabiex jaghmlu dawn id-delitti u b’xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista fl-atti li bihom ippreparaw jew ikkunsmaw id-delitt, jew xewwixhom, inkella sahhahilhom il-volunta’ taghhom sabiex jaghmlu dawn id-delitti, jew weghdhom li wara l-fatti jassistihom jew jieqaf maghhom.

Lil Mariella sive Mikel Chircop St. John u Matthew Joseph Sciberras wehidhom talli fit-28 ta’ Novembru 2008 ghall-habta tad-9.00 ta’ filghodu fi Triq San Gorg, Naxxar ikkommettew serq ta’ vettura ta’ l-ghamla Ford Ka bin-numru tar-registrazzjoni JSB130 ghad-dannu ta’ Joanna Beirne, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe’ ghamlu hsara fuq il-vettura ta’ l-ghamla Ford Ka bin-numru tar-registrazzjoni JSB130 ghad-dannu ta’ Joanna Beirne, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) izda ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centemzu (€1,164.69).

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommettew serq ta’ apparat cellulari tal-marka ‘Nokia’ ghad-dannu ta’ l-istess Joanna Beirne, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b' kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Lil Matthew Joseph Sciberras talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-Ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-Ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joanna Beirne kontra l-volonta' taghha.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Joanna Beirne taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded bil-fomm lil Joanna Beirne li joqtolha jew li jqieghdilha hajjitha f' periklu car u ghamlilha ordni jew kondizzjoni.

F'dawn il-Gzejjer fil-15 ta' Awwissu, 2009 u fix-xhur ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu u/jew taht il-kontroll tieghu kwantita' ta' munizzjon ta' kalibru.765, minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, meta gie fil-pussess ta' l-imsemmi munizzjoni xort' ohra milli mill-licenzja, naqas li minnufih jaghti l-avviz tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dan il-munizzjon ghandux jinzamm taht idejn il-Pulizija jew taht idejn il-persuna li tghat l-avviz.

Lil Mariella sive Mikel Chircop St. John wahidha, b' diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'resoluzzjoni wahda u cioe' talli fit-28 ta' Novembru 2008 u fix-xhur ta' qabel u wara din id-data f' dawn il-Gzejjer, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika heddedt lil Joanna Beirne li kienet se tittiehdilha hajjitha.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, talli b' din l-imgieba taghha kkagunat lil Joanna Beirne, tibza' li se tintuza vjolenza

kontra taghha meta kienet taf jew missha kienet taf li l-imgieba taghha kienet se tikkaguna lil Joanna Beirne hekk tibza’ tant li ghamlet diversi rapporti lill-pulizija.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, permezz ta’ xi network jew apparat ta’ komunikazzjoni elettronika heddedt li taghmel reat bil-hsieb li ggieghel lil Joanna Beirne tonqos milli taghmel xi haga.

Fl-istess zmien u cirkostanzi, gabet ruhha b’ mod li kkagunat lill-istess Joanna Beirne, tibza’ li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-propjeta’ taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta’ ta’ xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222 (1) meta kienet taf jew messha kienet taf li l-imgieba taghha kienet se tikkaguna li Joanna Beirne hekk biza’ kull darba minn dawk l-okkazjonijiet.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-22 ta’ Gunju, 2012, li biha, ddikjarat lill-appellat Oliviero Filisetti mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.
Il-Qorti wara li rat l-artikoli 48A(1)(2)(3)(4), 325(1)(b), 334, 18, 251B(1)(2) u 17 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 35A(a)(b)(c) tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellat Mariella sive Mikel Chircop St. John hati tal-imputazzjoni ta’ assocjazzjoni, kif ukoll tat-tieni u tar-raba` imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ta’ Matthew Sciberras wahidhom u tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet u tar-raba` imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu wahdu u kkundannatu tnax (12) il-xahar prigunerija li b’applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal perjodu ta’ sentejn. Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni migjuba fil-konfronti ta’ Chircop St. John u Sciberras wahdihom in kwantu din hija riferibbli ghall-imputat Chicop St. John stante li huwa qed jinstab hati tal-imputazzjoni ta’ ricettazzjoni. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat Mariella sive Mikel Chircop St. John mhux hati tal-bqija tal-

imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.
Wara li rat l-artikoli 261, 267, 271(g), 279(a), 280(2) u 17 tal-Kodici Kriminali sabet lill-Matthew Joseph Sciberras hati tal-imputazzjoni rigwardanti s-serq tal-mobile phone mill-vettura ta' Joanna Beirne u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta poggietu taht ordni ta' probation ghall-perjodu ta' sentejn skond il-kundizzjonijiet indikati fl-anness digriet. Il-Qorti ddikjarat lill-imputat Sciberras mhux hati tal-bqija tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement illiberatu mill-istess imputazzjonijiet.
B'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali l-qorti ikkundannat lill-imputati Mariella sive Mikel Chircop St. John u Matthew Joseph Sciberras sabiex sa zmien xahar minn meta jigu hekk mitluba mir-Registratur tal-Qorti jhallsu in kwantu ghal nofs kull wiehed mis-somma ta' elfejn sitt mija u tnejn u sittin Ewro u wiehed u sebghin centezmu (€2,662.71) liema ammont jirrapprezenta l-ispejjes konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.
Ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur ghall-Probation Services sabiex jinhatar il-kandidat idoneju sabiex jissorvelja lill-hati Matthew Joseph Sciberras.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fil-11 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tvarjaha fis-sens illi :
(a) thassaraha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn Oliviero Filisetti gie liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u minflok issibu hati tal-istess imputazzjonijiet ta' :
(i) l-assocjazzjoni;
(ii) kif ukoll li kien komplici mal-imputati Mikel Chircop St. John u Matthew Joseph Sciberras fit-twettiq tar-reati hawn imsemmija fil-konfront ta' Joanna Beirne :
- fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe` ghamlu hsara fuq il-vettura ta' l-ghamla Ford Ka bin-numru JSB 130 ghad-

dannu ta' Joanna Beirne, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69);

- fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkommettew serq ta' apparat cellulari tal-marka "Nokia" ghad-dannu ta' l-istess Joanna Beirne, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur u li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa; u
- fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

kif ukoll illi tinfliggi fuqu l-piena idoneja skond il-ligi;

(b) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn Mikel Chircop St. John instab hati tar-reati kollha imputati lilu u fejn illiberatu mill-imputazzjonijiet tas-serq tal-mobile phone u tal-vettura izda thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti tas-sentenza fejn imponiet il-piena ta' tnax -il sena prigunerija sospizi ghal sentejn u minflok timponi piena idoneja skont il-Ligi; kif ukoll;

(c) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lil Matthew Joseph Sciberras hati tal-imputazzjoni relattiva ghas-serq tac-cellulari izda thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddikjaratu mhux hati tas-serq tal-vettura, hsara tal-vettura, arrest illegali u li uza vjolenza u minflok li ssibu hati tal-istess reati u cioe' ta'

- fit-28 ta' Novembru 2008 ghall-habta tad-disgha ta' fil-ghodu, fi Triq San Gorg in-Naxxar, ikkommettew serq ta' vettura ta' L-ghamla Ford Ka bin-numru JSB13O ghad-dannu ta' Joanna Beirne, liema serq huwa kwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa;

• fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamlu hsara fuq il-vettura ta' l-ghamla Ford Ka bin-numru JSB 130 ghad-dannu ta' Joanna Beime, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax -il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) u ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69);

• fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' l-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Joanna Beirne kontra l-volonta taghha;

• fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi uza vjolenza sabiex igieghel lill-imsemmija Joanna Beirne taghmel, thalli jsir, jew tonqos milli taghmel xi haga;

u li thassar il-piena inflitta fuq Matthew Joseph Sciberras u cioe' fejn imponiet Ordni ta' Probation ghall-perjodu ta' sentejn u minflok timponi fuqu il-piena komplessiva u idoneja skond il-Ligi;
u fil-bqija tikkonfermaha fil-kumplament taghha.

Rat ir-rikors tal-appellant Mariella sive Mikel Chircop minnu pprezentat fl-4 ta' Lulju, 2012, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma l-htija ta' l-akkuza ta' ricettazzjoni u li ma nstab hati ta' l-ewwel akkuza fil-konfront tieghu u ta' Matthew Joseph Sciberras, filwaqt li tirrevoka l-htija ta' l-ewwel akkuza u t-tieni u t-tielet akkuza kontra tieghu flimkien ma' Matthew Sciberras u l-erba` akkuzi li saru kontrih wahdu u tilliberah minnhom.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedini penali aggornati tal-appellati esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali, ghaddiet ghad-decizjoni taghha bhala rizultat ta’ apprezzament zbaljat tal-provi, kif ukoll interpretazzjoni u applikazzjoni zbaljata tal-Ligi. Mill-assjem tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti ma setghetx legittimament u ragonevolment tasal ghall-tali konkluzjoni ghar-ragunijiet segwenti:

(i) Innanzitutto jirrizulta li l-ewwel Qorti helset mill-akkuzi lil Oliviero Filisetti u lil Matthew Joseph Sciberras mill-imputazzjoni tal-assocjazione per delinquere, u lil Filisetti mir-reat tal-komplicita’ meta warrbet l-istqarrijiet moghtija minnhom minghajr l-assistenza ta’ avukat, u dan sabiex l-ewwel Qorti tkun “in linea ma’ zviluppi kostituzzjonali recenti”.  Il-Ligi Maltija, fil-Kodici Kriminali, tipprovdi regola semplici u sagrosanta li tghid :-

*658. Kull haga li imputat jew akkuzat jistqarr, sew bil-miktub kemm ukoll bil-fomm, tista’ tittiehed bi prova kontra min ikun stqarrha, kemm-il darba jinsab li din il-konfessjoni giet maghmula minnu volontarjament u gietx imgieghla jew mehuda b’theddid jew b’biza’, jew b’weghdiet jew bi twebbil ta’ vantaggi.*

Bid-dovut rigward, dan l-artikolu ghadu jinsab fil-Kodici Kriminali Malti u s’issa ma giex dikjarat inkostituzzjonali. L-enfazi ta’ din il-Ligi semplici u ordinarja hija li konfessjoni, maghmula ma min u fejn maghmula, dment li tkun maghmula skond dan l-artikolu, ghandu jkollha s-sahha ta’ prova favur jew kontra dak li jkun ghamilha.

Is-sentenza Salduz v Turkey mill-Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem qajmet furur fil-Qrati Maltin tant li bid-dovut rispett, l-esponent jemmen li bosta mill-Qrati taghna qeghdin awtomatikament iwarrbu l-istqarrijiet minghajr ma jaghmlu apprezzament akkurat tal-partikolaritajiet ta’ kull kaz.

Tajjeb, ghalhekk li wiehed janalizza d-differenzi bejn il-kaz odjern u l-kaz ta’ Salduz v Turkey li qed jintuza bhala yardstick sabiex il-Qrati Maltin jassiguraw li d-dritt fundamentali tas-smiegh xieraq jigi osservat.

Fil-kaz odjern l-imputati appellati ghamlu konfessjoni liberament. Kienu ben konsapevoli minn dak li kien qed jaghmlu, ma kienux tfal zghar, indifizi u vulnerabbli bhalma kien Yusuf Salduz. Il-minorenni Salduz kien trattat b'mod hazin waqt l-interogazzjoni u kien imgieghel jirillaxxa stqarrija f'kuntest ta' reati ta' natura politika b'konnessjoni terroristika.

L-ewwel Qorti fil-kaz odjen skartat kompletament l-istqarrijiet rilaxxati mill-imputati appellati, maghmula quddiem il-pulizija, in kwantu li setghu kienu vjolattivi tad-drittijiet tal-bniedem. Bil-fatt li ma sfilzathomx izda warbitthom, il-Qorti rrendithom xhieda inammissibli — minghajr ma qieset li, l-imputati appellati di lora sponte volontà wara li nghataw it-twissija mill-pulizija li jistghu jaghzlu li jibqghu sikta, iddecidew bir-rieda hielsa taghhom li jirrellataw l-verzjoni taghhom tal-fatti.

Ifisser bifors li allura din il-konfessjoni - kienet maghmula kontra l-Ligi ?; kienet tmur kontra d-drittijiet ta' smiegh xieraq?; kienet ghalhekk inammissibbli jew skartabbli bhala prova?

L-esponent jissottometti illi certament il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali qatt ma qalet li jekk persuna ma kienetx assistita minn avukat waqt l-interogazzjoni allura bilfors hemm lezjoni ta' smiegh xieraq, ghaliex huwa wkoll principju tal-istess Qorti tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, li qorti m'ghandix thares biss lejn procedura wahda in isolazzjoni imma ghanda tikkunsidra t-totalita' tal-provi u proceduri penali biex jigi assigurat li l-artiklu 6, hekk kif sancit fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, ikun osservat.

Fis-sentenza Al-Khawaja and Tahery v The United Kingdom, li nghatat tlett snin wara li nghatat dik ta' Salduz, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, fil-formazzjoni tal-Grand Chamber ma sabet l-ebda lezjoni tal-arikolu 6 meta stqarrija giet ammessa f'guri. Din il-qorti fl-ghola formazzjoni taghha sostniet li stqarrija ma tistax tittiehed f'izolament u titqies bhala l-

binarju konklussiv ta’ guri ngust; l-istqarrija hija biss fattur importanti fuq il-bilanc tal-provi flimkien ma’ salvagwardji procedurali ohra.

Fis-sentenza Doorson v The Netherlands, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet Fundamentali tghid li l-ammissibbiltà ta’ evidenza tibqa’ primarjament kwistjoni ta’ ligi domestika.

(ii) F’dal-kazijiet l-istqarrijiet prezentati ma kienux l-unici provi li gew prodotti kontra l-imputati appellati. B’hekk tali stqarrijiet kellhom jigu mehuda fl-isfond tal-process kriminali kollu u b’hekk ma kellhomx jigu skartati kompletament kif gara f’dan il-kaz. Verament li f’dan il-kaz minbarra l-kwistjoni relattiva ghall-istqarrijiet tal-imputati hawn fuq imsemmija hemm ukoll il-problemattika relattiva ghall-fatt li hemm xiehda ta’ ko-akkuzati. F’dan ir-rigward, l-esponent jaqbel li din ix-xhieda ghandha titqies biss u limitatament fir-rigward tal-persuna li tkun rilaxxjat it-testimonjanza u ma tigix ukoll estiza ghall-ko-akkuzati. Izda anke jekk l-evidenza kollha tigi mgharbula b’dan il-mod, xorta jibqa’ l-fatt li mill-provi prodotti, inkluzi l-imsemmija stqarrijiet, johrog car li Oliviero Filisetti kien ikkomissjona lil Chircop St. John biex jiffollowja lil Beirne ghax hu kien geluz mill-fatt li Beirne setghet kienet qeghda tiffrekwenta rgiel ohra meta huwa kien l-Itaija. Oliviero a fol. 69 tal-proess jistqarr “I told Mikel to follow her and take her mobile so that he will pass to me the information on those who talked to her”; “He mentioned another person but I never saw him”. Fix-xhieda taghha, Joanna Beirne a fol. 165 tghid lill-Qorti li Sciberras qalilha “l-boyfriend tieghek baghtni fuqek”. Oliviero Filisetti jsostni li huwa kellu relazzjoni intima ma’ Beirne tant li jesebixxi l-biljetti tal-ajru ta’ kull meta l-koppja ghamlu giti fl-esteru flimkien (vide fol. 423-465), u Beirne ghalkemm ghal bidu riluttanti, fl-ahhar xiehda taghha quddiem il-Qorti tghid li huwa minnu li Filisetti kien il-boyfriend taghha. Fil-fatt mit-traskrizzjoni a fol. 522 tal-proess johrog bic-car li Dr. M. Mifsud isaqsi: “Ma tiftakarx. Jekk infakkrek jekk fil-fatt lis-Supretendent Magri inti nfurmajtu li kellek relazzjoni mas-Sur Filisetti?”, hija twiegeb fl-affermattiv. F’certu punt il-gelosija f’Filisetti tant eskalat li ffissa li ried ikun infurmat

bil-kuntatti u l-messaggi li Beirne kellha fil-cellulari taghha. Filisetti qabbad lil Chircop St. John biex isegwi lil Beirne b'dan il-ftehim li kien jikkonsisti fil-fatt li kellhom jahbtu intenzjonalment fil-vettura taghha. Filisetti nforma lil Chircop St. John li Beirne kellha vizzju thalli c-cellulari taghha fuq is-seat tal-passigier u b'hekk kellu jkun facli, darba mwaqfa, jittehdilha dan ic-cellulari. Kienu ftehmu li jqabbdu persuna ohra u hemmhekk jidhol fix-xena Sciberras. Il-hsieb kien, li una volta mahbutin, Chircop St. John kellu jzomm lil Beirne bil-kliem u Sciberras kellu jmur magemb it-tieqa tal-vettura taghha u jisirqilha c-cellulari. Meta Sciberras accetta il-proposta tal-kommissjoni tad-delitt ghal skambju ta' flus, huwa sahhah l-pjan. Minn din l-analizi tal-provi, jirrizulta b'mod car li Oliviero Filisetti jistqarr kemm li huwa kien parti mill-assocjazzjoni, kif ukoll li kien huwa li ffinanzja tali assocjazzjoni, kif ukoll li kien komplici fit-twettiq tar-reati l-ohra kollha mwetqa minn Chircop St. John u Sciberras ghaliex kien hu stess li kien il-mandant ta' operazzjonijiet illegali.

(iii) Nhar it-28 ta' Novembru 2008, Chircop St. John u Sciberras dahlu fil-vettura
Jeep/Pajero maroon, u Chircop St. John saqha biex isegwu lil Beirne. A fol. 14 tas-sentenza, il-Qorti tal-Magistrati sostniet "jirrizulta minghajr dubju li kien Chircop St. John qed isuq il-vettura u ghalhekk huwa biss jista' jinstab hati li volontarjament ikkaguna l-hsara fil-vettura ta' Beirne". L-Avukat Generali qieghed hawnhekk jirrileva li Mariella sive Mikel Chircop St. John Ii nstab hati li kkawza hsara fil-vettura Ford Ka ta' Beirne. Izda t-twettiq ta' din il-hsara volontarja Chircop St. John ma kienx wahdu. Anzi kien jaf ezattament il-pjan f'xiex kien jikkonsisti u ghal darba, darbtejn mar flimkien ma' Chircop St. John biex jahbtu fil-vettura ta' Beirne. Bl-azzjoni konxja tieghu ta' partecipazzjoni attiva, huwa rrenda ruhu komplici fit-twettiq tal-hsara volontarja skond l-artikolu 42 (d) u (e) tal-Kap 9. It-tnejn kienu fuq ix-xena tad-delitt bl-istess mens rea, u cioe' Ii ntenzjolament jahbtu fil-vettura tal-imsemmija vittma, sabiex ikunu jistghu jesegwixxu t-tieni parti tal-pjan, dak li jisirqulha l-mobile phone. Dunque, il-htija ghall-imputazzjoni li "volontarjament hassru, ghamlu

hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamlu hsara fuq-il vettura ta' l-ghamla Ford Ka bin-numru JSB 130 ghad-dannu ta' Joanne Beirne, liema hsara tammonta ghal izjed minn €116.47 u ma tiskorrix €1164.69" ghandha tissusisti fil-konfront tat-tnejn, u jekk pero' ma jirrizultax awtur jirrizulta zgur bhala komplici.

(iv) Di piu' waqt li kien qieghed jigi esegwit il-pjan, inqalghet cirkostanza inprevedibili. Jekk dan kien inprevedibli, allura Oliviero Filisetti ma jistax jigi ritenut hati tal-komplicita' fis-serq tal-karozza u ta' dak li Sciberras wettaq wahdu lil hinn mill-pjan originali. Meta hasset id-daqqa fuq wara tal-vettura, Beirne saqet ghall-gemb tat-triq u waqfet il-vettura taghha hemmhekk. Chircop St. John minflok ma zamm lil Beirne bil-kliem, kif kien miftiehem, kompla jsuq il-vettura ghax kien qed jaghlaq it-triq u l-vetturi ta' warajh bdew ippaqpu biex izul minn nofs. Meta Chircop St.John saq biex ihalli t-traffiku jghaddi, Matthew Joseph Sciberras kien lahaq nizel mill-vettura u sab ruhu wahdu. Tela' fil-vettura ta' Beirne u ordnalha biex issuq. Huwa minnu li Beirne ikjarifikat fl-ahhar xhieda taghha li Sciberras kien dahal fil-vettura taghha wara li hi stednitu jidhol fiha biex jitkellmu ghax kienet ix-xita, imma hija qalet ukoll, a fol. 521 tal-process, li dan ghamlitu, ghax kienet ghada ma ratx il-gun. Hareg car mill-investigazzjoni u mill-provi migbura matul il-kompilazzjoni li Matthew Joseph Sciberras agixxa on the spur of the moment u meta ra li Joanna Cassar harbet f'paniku mill-vettura taghha, dan seraq il-vettura, biex jahrab minn fuq il-post. Fil-fehma umli tal-Avukat Generali, dina l-Onorabbli Qorti ghandha taghti kredibilita' lill-vittma ghax Beirne meta ghamlet il-klarifika matul il-kumpilazzjoni, hija ma bidletx is-sustanza izida l-enfasi ta' dak li qalet.

(v) Inoltre, l-Avukat Generaii jirileva li l-piena fil-konfront ta' Mikel Chircop St. John ta' tnax-il xahar priunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A giet sospiza ghall-perjodu ta' sentejn, hija wahda mhix idoneja ghar-reati kommessi minn Mikel Chircop St. John, u dan peress li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hija piena mtaffija wisq tenut kont tal-konsegwenzi fuq il-hajja u l-inkoluminta psikologika tal-vittma.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Mariella sive Mikel Chircop St. John huwa s-segwenti w cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill-provi prodotti. L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati ta' assocjazzjoni bl-ghan li jaghmel delitt peress li ammetta li assocja ruhu flimkien ma' Filisetti u Sciberras. Bir-rispett kollu la instabu mhux hatja z-zewg ko-akkuzati l-ohra tar-reat ta' assocjazzjoni ma jistax jkun li l-appellant jinsab hati ta' dan ir-reat. Dan ir-reat jimplika li l-appellant assocja ruhu ma persuna jew persuni ohra sabiex jikkommetti reat. Fil-korp tax-xhieda kien hemm biss erba persuni involuti, jigifieri l-ko-akkuzati u l-parte civile. La wiehed jeskludi li l-appellant assocja ruhu mal-parte civile b'hekk bilfors l-assocjazzjoni kellha ssir jew ma' wiehed mill-ko-akkuzati jew maz-zewg ko-akkuzati. Izda skond l-Ewwel Onorabbli Qorti z-zewg ko-akkuzati m'humiex hatja tar-reat ta' assocjazzjoni u bhala fatt dan ir-reat ma setax isir ghaliex l-appellant ma jistax jinsab hati talli assocja ruhu mieghu inifsu. B'hekk jekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ezaminat il-fatti kollha u lliberat iz-zewg ko-akkuzati bi assocjazzjoni kellha bil-fors tillibera l-appellant.

Illi ghar-rigward ta' hsara volontarja, il-parte civile naqset sabiex tissostanzja li l-incident li (-appellant kien involut kien hemm hsara. Barra minhekk, l-appellant fix-xhieda tieghu spjega li ried johloq incident sabiex jwaqqaf il-vettura, fil-fatt l-incident sehh bl-mod accidentali. Kienet ghamlet ix-xita u t-triq kienet qed jizloq, u b'hekk il-vettura skidded fil-vettura l-ohra. B'hekk dan l-incident ma sehhx volontarjament.

Illi l-appellant instab hati talli hedded lil Joanna Berne permezz ta' sms. L-appellant jsostni li kien gie pprovat mid-difiza li r-rwol tieghu kien sempliciment ta' trattitur mill-lingwa Taljana ghal dik Maltija u Ingliza. Fix-xhieda tieghu spjega li Filisetti spjega li hu ried li Joanna Beirne terga tirrikorri ghandu u b'hekk jekk tircievi dawn il-messaggi hi taghmel kuntatt ma' Filisetti. B'hekk kien car

li l-appellant ma kellu l-ebda intenzjoni li jhedded jew jbezza lill-parte civile. Barra minhekk il-kredibbilita' tal-parte civile mhix mill-ahjar kif lill-istess l-Ewwel Onorabbli Qorti rrimarkat, fejn l-ewwel taht gurament tghid darbtejn li ma kellhiex relazzjoni ma' Filisetti u imbaghad taccetta li kellha. Imbaghad tbiddel il-verzjoni taghha meta dahal il-ko-akkuzat Sciberras fil-vettura taghha u tghid li ma kienetx imbizza meta rat il-pistola tieghu. Jekk ma kienetx imbezza minn Matthew Sciberras, li kellu pistola, kif kienet imbezza minn ftit sms. Il-verita` hija li hadet kollox b'mod legger u m'ghamlet l-ebda rapport lill-pulizija fuq dawn il-messaggi.

Illi ghar-rigward il-piena, l-appellant jsostni li sentenza karcellarja ta' 12-il xahar prigunerija sospizi ghal sentjen mhix ekwa u gusta fic-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidrat.

Dawn huma zewg appelli, wiehed ta' Mariella sive Michael Chircop St. John u appell ta' l-Avukat Generali. Peress illi si tratta ta' l-istess merit fl-istess kawza din il-Qorti se titratta dawn iz-zewg appelli flimkien b'konkluzjoni ghal kull wahda minnhom.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi li certa Oliviero Filisetti kien johrog ma Joanne Beirne li kien jghid li jhobb hafna u jghinha wkoll finanzjarjament. Gieh suspett pero' illi meta hu jkun imsiefer l-Italja dina Beirne tohrog ma rgiel ohra u ghalhekk kien qabbad lil Mariella sive Michael Chircop St. John sabiex jippedinha u jekk hemm bzonn anke johdilha l-mobile sabiex jezamina l-kontenut u jkun jaf il-movimenti ta' Joanna Beirne. Michael Chircop St. John eskogita pjan li nvolva fih lil Matthew Sciberras fejn dawn it-tnejn kellhom isuqu wara l-karozza ta' Beirne, jahbtu maghha u waqt illi Michael Chircop jalljiena lil Beirne bid-diskors, Matthew Sciberras kellu javvicina l-karozza ta' Berine u jiehu l-mobile minn fuq id-dashboard jew is-seat tal-passiggier fejn kienet abitwalment thallih. Fuq dan id-dettal gew mghejjuna minn Oliviero Filisetti illi spjegalhom

il-movimenti ta' Beirne u fejn kienet abitwalment izzomm il-mobile.

Fit-28 ta' Novembru, 2008 Joanna Beirne kienet qieghda ssuq il-vettura taghha ta' l-ghamla Ford Ka bin-numru JSB 130 meta vettura ohra dahlet fuqha. Din il-vettura kienet Isusu Bighorn ahmar bin-numru AAI 264 misjuq minn Michael Chircop. Il-passiggier illi kien mieghu nizel u avvicina l-vettura ta' Beirne. Sussegwentament din ta' l-ahhar identifikat lil Matthew Joseph Sciberras bhala l-persuna illi kien avvicinha. Skont l-ewwel xhieda tal-vittma tad-9 ta' Ottubru, 2009 (fol 163, 170 tal-Process), Matthew Joseph Sciberras wara li rikeb fil-vettura taghha heddiha b'arma sabiex igieghela ssuq l-istess vettura, kien f'dan il-waqt illi hadilha c-cellulari u qalilha illi hu kien mibghut mill-ex boyfriend taghha. Appena kellha cans, Joanna Beirne harbet mill-vettura u marret titlob ghajnuna f'hanut tal-merca. Matthew Sciberras pogga fuq is-seat tas-sewwieq u harab bil-vettura tal-vittma. Wara d-debita nvestigazzjoni, l-pulizija resqet lil Oliviero Filisetti, Mariella sive' Michael Chircop St. John u Matthew Joseph Sciberras biex iwiegbu ghall-akkuzi kif dedotti fil-bidu ta' dan il-gudikat u b'Sentenza tat-22 ta' Gunju, 2012 il-Qorti tal-Magistrati lliberat lil Oliviero Filisetti kompletament mill-akkuzi migjuba kontra tieghu u sabet lil Mariella sive' Michael Chircop St. John hati ta' l-imputazzjoni ta' l-assocjazzjoni kif ukoll tat-tieni u r-raba' mputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u ta' Matthew Sciberras wehidhom u ta' l-ewwel u tat-tieni u tat-tielet u tar-raba' mputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu wahdu u kkundannatu ghal 12 il-xahar prigunerija sospizi ghal perjodu ta' sentejn u lliberatu mill-imputazzjoni tas-serq tal-mobile phone, izda sabitu hati ta' ricetazzjoni u lliberatu mill-imputazzjoni ta' serq ta' vettura. Il-Qorti wkoll sabet lill-Matthew Joseph Sciberras hati biss tas-serq tal-mobile phone u b'applikazzjoni ta' l-artiklu 7 tal-Kap 446 poggietu taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn.

Kemm Mariella sive Michael Chircop St. John u l-Avukat Generali hassewhom agravati minn din is-Sentenza u t-tnejn interponew appell ghal ragunijiet differenti. L-agravju ta' Michael Chircop St. John kien illi l-Ewwel Qorti

ghamlet apprezzament zbajat tal-fatti principalmenet li sibitu hati b'assocjazzjoni bl-ghan li jaghmel delitt peress li ammetta li assocja ruhu flimkien ma Filisetti u Sciberras u fl-istess hin illiberat lil dawn iz-zewg ko-akkuzti mir-reat ta' assocjazzjoni u quindi la dawna gew liberati Michael Chircop St. John wahdu ma kellux jinstab hati ta' assocjazzjoni. Terga ma kellu l-ebda hsieb li jaghmel hsara lill-karozza ta' Joanne Beirne ! Skont l-appellant Chircop St. John, kienet ix-xita u habat mal-karozza ta' Beirne b'mod involontarju u ghalhekk ma kellux jigi misjub hati ta' hsara volontarja. Rigward it-theddid ir-rwol ta' Michael Chircop kien illi jaghmel traduzzjoni ta' SMSs bit-Taljan ghal Malti u jibghathom lil Joanne Beirne. L-SMSs originali gew minn Oliviero Filisetti u mhux minn Michael Chircop. Terga u tghid il-piena ta' prigunerija ta' 12- il xahar hija wisq meta tqis illi Joanne Beirne ma riedet xejn minn ghand Michael Chircop.

Minn naha l-ohra l-Avukat Generali ilmenta mill-fatt illi l-Ewwel Qorti skartat kompletament l-istqarrijiet maghmula minn Oliviero Filisetti, Michael Chircop St. John u Matthew Sciberras, dana 'l ghaliex skont l-Ewwel Qorti segwiet id-dettami ta' gurisprudenza ta' dak iz-zmien fejn kienu qalu illi stqarrijiet moghtija minn persuni illi ma kienux moghtija d-dritt ta' assistenza legali jilledi d-drittijiet fundamentali taghhom u ghalhekk dawn l-istqarrijiet kellhom jigu skartati. L-Avukat Generali qal illi dan huwa argument hazin u ma setax jigi segwit mill-Qorti. Fi kwalunkwe kaz, irrizulta car illi Filizetti qabbad lil Michael Chircop illi qabbad lil Matthew Sciberras. A fol 369 hemm l-istima tad-danni u l-accettazzjoni ta' Michael Chircop illi jibghat SMSs lil Joanna Beirne sabiex ibezzaghha u dina tersaq iktar lura lejn Olivieri. B'dan il-pass Michael Chircop irrenda ruhu b'komplici ma Filisetti. Veru illi Joanna Beirne biddlet il-verzjoni taghha darbtejn, pero' kienet aktar forma ta' kjarifika u ma biddlitx is-sustanza tar-reat, Beirne qalet biss li kellha relazzjoni ma Oliviero Filisetti meta qabel kienet tghid illi ma kelliex. F'din il-vicenda Oliviero Filisetti kien il-mandant illi qabbad lil Michael Chircop St. John li minn naha tieghu qabbad lil Matthew Sciberras sabiex jaghmlu reat fil-konfront ta' Joanna Beirne. Qabel ma l-Qorti tghaddi biex tiddisponi mill-

mertu ta' dawn iz-zewg appelli tajjeb li tikkjarifika s-sitwazzjoni ta' l-istqarrijiet.

Ikkunsidrat.

Meta l-Qorti tat is-Sentenza taghha fit-22 ta' Gunju, 2012 kienet ghadha qed issegwi t-taghlim moghti mill-Qorti Kostituzzjonali dwar il-ksur tad-drittijiet tal-bniedem meta persuna nterrogata tirrilaxxja stsqarrija minghar ma jkollha d-dritt li tikkonsulta ma avukat fil-bidu nett ta' l-arrest taghha, dan l-insenjament gie moghti fil-kawzi kontra Lombardi u Alvin Priviterea u ohrajn  li segwew id-dettami tal-gurisprudenza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem principalment il-kawza Salduz vs Turkey.  Fil-mori ta' dan l-appell pero' nghataw zewg Sentenzi mill-Qorti Kostituzzjonali li wkoll varjaw dak li ntqal precidentament, dawn il-kawzi senjament Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali, moghtija fit-8 ta' Ottubru, 2012, John Attard vs Hon. Prim Ministru u l-Avukat Generali 31 ta' Ottubru, 2012 taw direttiva ferm differenti.  Fl-ewwel kawza ta' Charles Stephen Muscat il-Qorti Konstituzzjonali sede' Appell bdiet biex tghid illi,*"Ma hemm l-ebda jekk li kull min hu akkuzat b'reat kriminali jigi liberat minn dik l-akkuza jew li akkuzat jinghata l-mezzi biex hati jew mhux jinheles mill-akkuza, jew li, minhabba xi rregolarita, tkun xi tkun, minn fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab mill-konsegwenzi ta' ghemilu. Il-jedd ta' smieh xieraq jinghata kemm biex, wara process fi zmien ragunevoli u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex hati ma jehilx bi htija, u biex jinghata l-mezzi kollha mehtiega ghalhekk, u kemm biex min huwa tassew hati ma jahrabx il-konsegwenzi tal-htija tieghu. Il-jedd ta' smieh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex, b'xi mod jew iehor. ma jwegibx ghal htija tieghu, jekk il-jedd ta' smieh xieraq kif interpretat u applikat iwassal ghalhekk mela hemm xi haga hazina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet.*

*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma li tara jekk l-awtur huwiex hati jew le ta' l-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-*

*Qorti hu illi tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ta' smieh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati, jekk ma hemmx dak il-perikolu mela ma hemmx ksur".* Aktar il-quddiem il-Qorti spjegat illi, *"L-Imhallef Togat sejjer iwissi lill-Gurati bil-perikolu li joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu wkoll il-provi l-ohra ....."* Fil-kawza John Attard vs Hon. Prim Ministru u l-Avukat Generali il-Prim Awla tal-Qorti Civili Sede Kostituzzjonali segwiet dan it-taghlim u kkwotat b'success minn din is-Sentenza u ziedet illi, *"Ebda Qorti f'ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta' assistenza legali waqt interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ghal dritt ta' smieh xieraq."* Ricentament il-Qorti ta' l-Appell Inferjuri Ghawdex stabbiliet dawn il-linji gwida fil-kawza Pulizija vs Paul Cutajar deciza fit-18 ta' Gunju, 2012 *"Dwar dan l-ahhar ilment li l-istqarrija kellha tkun sfilzata ghaliex l-appellant ma kienx assistitfil-bidu nett ta' l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghal decizjonijiet moghtija recentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u John Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta' l-istqarrija izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hix korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija...."* Din il-Qorti mhijiex qieghda ticcensura lill-Qorti tal-Magistrat talli warbet l-istqarrijiet peress li dak kien it-taghlim gurisprudenzjonali fiz-zmien li naghatat is-Sentenza fit-22 ta' Gunju, 2012. Pero' issa din il-Qorti se tikkonsidra mod iehor invista ta' l-izviluppi ta' l-istess gurisprudenza illi saru wara.

Irrizulta illi fi zmien l-interrogatorji Oliviero Filisetti kienet persuna adulta ta' 59 sena, inginier ta' esperjenza kemm fl-esteru kif ukoll f'Malta, seta'jifhem sew id-drittijiet tieghu u kieku ried ma wegibx ghad-domandi li kienu qeghdin jaghmlu l-pulizija. L-istess Michael Chircop St. John kellu 41 sena b'impieg u jidher li kien jaghmilha ta' private detective bhala part-time, dan ukoll seta' jifhem sew id-drittijiet tieghu. Matthew Joseph Sciberras kellu 29 sena

meta rrilaxxja l-istqarrija a fol 77, pero’ sussegwentement irrizulta illi dan ghandu IQ baxxa hafna daqs ta’ tifel ta’ bejn 9 u 12 il-sena litteralment mohh ta’ tifel. Fil-kaz tieghu, l-Qorti qieghda thares lejn l-istqarrija b’certa kawtela peress li dan seta’ ma fehemx id-dritt tieghu ili jibqa sieket, pero’ mistoqsi biex jghid x’gara dana spjega l-involviment tieghu minghar hazen, kif kien jafhom u kif assista lill-Michael Chircop St. John f’din il-vicenda, illi rcieva €250 minn ghandu. Zgur pero’ li l-Qorti mhijiex sejra tiddipartixxi mill-principju illi kull stqarrija torbot u tholl biss fil-konfront ta’ min ikun ghamilha u ma taffettwa bl-ebda mod xi ko-akkuzat iehor. F’dan l-isfond kwindi issa sejra tikonsidra l-meritu taz-zewg appelli koncernati.

Ikkunsidrat.

Mill-provi prodotti quindi, jirrizulta car li Oliviero Filisetti kkommissjona lil Chircop St. John sabiex isegwi lil Beirne ghax hu kien geluz mill-fatt illi Beirne setghet kienet qieghda tiffrekwenta rgiel ohra meta kien l-Italja. Fl-istqarrija tieghu (fol 69) stqarr, *“I told Michael to follow her and take her mobile so that he will pass to me the information on those who talked to her”*. Chircop St. John kien semmieli illi kien involva persuna ohra pero’ qatt ma ltaqa mieghu. Fix-xhieda taghha Joanne Beirne tghid a fol 165 illi Sciberras kien qalilha li l-boyfriend taghha kien baghtu fuqha. Il-gelozija ta’ Filisetti tant eskalat li ffissa li ried ikun infurmat bil-kuntatti, l-messaggi u l-movimenti ta’ Berine tramita c-cellulari taghha u kien ghalhekk illi qabbad lil Chircop St. John sabiex isegwi lil Beirne u johdilha l-mobile. Filisetti nforma lill-Chircop St. John li Beirne kellha l-vizzju thalli c-celluralri taghha fuq is-seat tal-passiggier u b’hekk kellu jkun facli darba li mwaqfa li jittiehed dan ic-cellulari. Jidher pero’ illi kien Chircop St. John illi eskogita l-pjan illi jibqghu dehlin volontarjament fuq il-karozza ta’ Beirne biex dina tieqaf u waqt illi hu jaljinha bil-kliem, Sciberras kellu jmur ma genb it-tieqa tal-vettura taghha u jisrirqilha c-cellulari. Jekk id-dettalji tal-pjan eskogithom Chircop St. John, Oliviero Filisetti xorta kien parti minn din l-assocjazzjoni ghax kien hu li ffinanzjaha u kompla heggeg ir-rieda ta’ Chircop St. John billi jaghtih il-flus. Skont l-istqarrija tieghu Olivetti hallas

€500 ghall-informazzjoni u €500 ghal mobile, b'hekk Filisetti kien komplici fit-twettieq tar-reati l-ohra mwettqa minn Chircop St. John u Sciberras ghax kien hu stess il-mandant ta' l-operazzjoni llegali kollha u heggeg ir-rieda u l-volonta taghhom bil-hlas tal-flus.

Fl-esekuzzjoni tal-pjan Michael Chircop St. John kellu jsuq il-vettura illi kellha tibqa diehla fuq il-vettura misjuqha minn Beirne u mieghu kellu lil Sciberras li kien jaf sew il-pjan x'kellu jkun. L-Ewwel Qorti waslet ghal konkluzjoni illi peress illi Chircop St. John kien qieghed isuq il-vettura, huwa biss kellu jinstab hati ta' hsara volontarja, pero' din il-Qorti tirrileva illi Chircop St. John ma kienx wahdu u mieghu kellu lil Sciberras illi kien jaf ezattament il-pjan x'kellu jkun. Ghalhekk bl-azzjoni konxja tieghu ta' participazzjoni attiva huwa rrenda ruhu komplici fit-twettieq tal-hsara volontarja skont l-Artiklu 42 (d) u (e) tal-Kap 9. A fol 369 ta' l-Atti hemm stima tad-danni kawzati u ghalhekk kemm Chircop st. John kif ukoll Sciberras kellhom jigu misjuba hatja talli volontarjament ghamlu hsara jew gharqu hwejjeg haddiehor mobli jew immobli u cioe' vettura Ford Ka bin-numru JSB 130 ghad-dannu ta' Joanne Beirne, liema hsara tammonta ghal izjed minn €116.47 u ma tiskorrix €1164.69.

Waqt illi kien qed jigi esegwit il-pjan inqalghet cirkostanza imprevedibli, meta hasset id-daqqa fuq wara tal-vettura, Beirne saqet ghal genb tat-triq u waqfet il-vettura taghha hemmhekk. Chircop St. John minflok ma zamm lil Beirne bil-kliem kif kien miftiehem kompla jsuq il-vettura ghax kien qed jaghlaq it-triq u l-vetturi ta' warajh bdew ipapqu biex izul minn nofs. Meta Chircop St. John saq biex ihalli t-traffiku jaghaddi, Matthew Joseph Sciberras kien lahaq nizel mill-vettura u sab ruhu wahdu, tela' fil-vettura ta' Beirne u ordnalha biex issuq ghad li Beirne ikkjarifikat din il-parti tax-xhieda taghha fejn fil-fatt kienet stiedneet lill-Sciberras biex jidhol fil-vettura taghha biex jitkellmu ghax kienet qieghda taghmel ix-xita. F'dan l-istadju Sciberras ma kienx ghadu lahaq hareg xi arma biex ibezza lil Beirne. Minn dan il-punt l-hemm Matthew Joseph Sciberras agixxa a sua sponte, peress illi meta ra lill-Joanna Beirne tahrab b'paniku mill-vettura taghha dana

saq il-vettura taghha u harab minn fuq il-post, b'hekk gie illi seraq din il-vettura ghad-dannu ta' l-istess Joanne Beirne. Fl-isfond ta' dawn l-argumenti quindi, qieghda tiddisponi mill-appell ta' Chircop St. John peress illi rrizulta ampjament ippruvat illi kellu jinstab hati ta' assocjazzjoni bl-ghan illi jaghmel delitt, illi ghamel hsara volontarja fuq il-karozza ta' Joanne Beirne u wkoll illi hedded lil Joanne Beirne permezz ta' l-SMS u ghalhekk l-appell tieghu qed jigi michud. Mhux l-istess l-appell ta' l-Avukat Generali li jisthoq illi jigi milhuq fl-intier tieghu.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta u tiddeciedi illi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-Sentenza tal-Qorti tal-Magistrati fejn illiberat lil Oliviero Filisetti mill-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u minflok wara illi rat l-Artikli 48A, (1), (2), (3), (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikli 42 (a), (b), ( d), (e), 86, 87 (1) (c), 261, 262 (1) (a), (b), (2), 267, 271(g), 275, 276, 277 (a), 279 (a) (b), 280 (2), 249 (1), (2), 251 (1), (2), 251B (1), (2), 325 (1) (b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artiklu 35A (a), (b), (c) tal-Kapitlu 399 tal-Ligijiet ta' Malta ssibu hati ta' l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena komplessiva ta' prigunerija ta' zmien 18 il-xahar b'dana pero' wara li rat l-Artiklu 28A tal-Kodici Kriminali tordna li dan it-terminu jkun sospiz ghal zmien 3 snin mil-lum. Tichad t-talba ta' l-Avukat Generali ghar-riforma tal-piena li l-Ewwel Qorti mponijiet fuq Michael Chircop St. John u minflok tikkonferma dik il-parti tas-Sentenza fejn Michael Chircop St. John instab hati tar-reati mputati lilu u fejn illiberatu mill-imputazzjonijiet tas-serq tal-mobile phone u tal-vettura u tikkonfermha wkoll fejn imponiet il-piena ta' 12-il xahar prigunerija sospizi ghal sentejn u tikkonfermha f'dik il-parti fejn sabet lil Matthew Joseph Sciberras hati ta' l-imputazzjoni relattiva ghas-serq tac-cellulari izda thassarha u tirrevokha f'dik il-parti fejn iddikjeratu mhux hati tas-serq tal-vettura, arrest illegali u li uza l-vjolenza u minflok qed issibu hati ta' l-istess reati u dana wara li rat l-Artiklu 48A (1), (2), (3), (4) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artiklu 86, 87 (1) (c), 249 (1), (2), 251 (1), (2) u 251B (1), (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artiklu 17, 31, 412C u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u stante c-cirkostanzi

partikulari tieghu tikkonferma wkoll il-piena nflitta fuqu u cioe' ordni ta' Probation ghal perjodu ta'  sentejn.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------